MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 23/2006

**Violet Tesi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur ta' l-4 ta' April 2006, li permezz taghha cahad it-talba ta' l-appellanti ghall-Assistenza Socjali ghaliex kienet siefret barra minn Malta, kif ukoll l-appell taghha li dahal fis-26 ta' April 2006.

Wara li sema’ lir-rapprezentant tad-Dipartiment u lil Violet Tesi u anke esamina d-dokumenti li ressqet l-appellanti, senjatament il-passaport li fih it-timbri relattivi peress li Tesi kienet siefret l-Awstralja, irrizulta li s-safra taghha kienet ta’ anqas minn xahrejn u ghalhekk ma kienx il-kaz li d-Dipartiment jasal biex iwaqqfilha l-ghajnuna; f’ dan il-kaz l-Arbitru jinnota li hija kienet halliet Malta anqas hmistax qabel id-decizjoni u huwa kurjuz kif decizjonijiet simili jittiehdu hekk malajr.

Ghalhekk dan l-appell qed jigi milqugh u kopja ta’ din id-decizjoni ghandha tibtbaghat lid-Direttur koncernat.”

Minn din is-sentenza appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Huwa jikkontendi li din is-sentenza hi bazata fuq interpretazzjoni errata mill-Arbitru ta’ l-Artikolu 92 (2) tal-Kapitolu 318;

Mill-kwadru ta’ l-atti quddiem l-Arbitru jirrizultaw dawn il-punti principali:-

(1) L-appellata kienet recipjenti ta’ beneficcju ghal Ghajnuna Socjali li gie mwaqqaf lilha mill-appellanti fuq il-konsiderazzjoni li din ma baqghetx aktar intitolata ghal din l-istess assistenza ghaliex siefret barra minn Malta;

(2) L-appellata ma qabletx ma’ din id-decizjoni u ntavolat appell minnha quddiem l-Arbitru bil-motiv li hi kienet siefret l-Awstralja biex tiehu kura ta’ ohtha li ssubiet operazzjoni f’ idejha. Dwar din il-mawra l-appellata kienet tat preavviz lid-Dipartiment minn qabel ma siefret;

(3) Fir-risposta tieghu ghal dak l-appell, l-appellanti odjern offra bi spjegazzjoni ghal dik id-decizjoni tieghu illi t-temm tal-beneficcju socjali sar fit-termini tal-provvediment tal-ligi fuq imsemmi;

(4) Fuq l-evalwazzjoni tieghu tal-provi, senjatament il-prova li jaghmel il-passaport ta' l-appellata, l-Arbitru ma accettax din l-ispjegazzjoni u ghadda biex akkolja l-appell lilu devolut;

M' hemmx dubju li l-impunjattiva mid-Direttur appellanti tad-decizjoni ta' l-Arbitru hi wahda eminentement ta' indoli legali in kwantu taggira fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 92 (2) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Huwa ben saput illi meta tinsorgi problema ermenewtika, l-interpretu ghandu, b' necessita` guridika, jindaga u jezamina liema hu s-sens veru tal-ligi u x' kienet il-volonta` preciza tal-legislatur li ddetta l-ligi. Di regola, fl-applikazzjoni tal-ligi wiehed ma ghandux jattribwixxi sens xort' ohra minn dak li palesament johrog mis-sinjifikat tal-kliem skond il-konnessjonijiet taghhom fid-disposizzjoni ezaminata. Hu, pero`, ukoll sew maghruf illi "meta l-interpretazzjoni grammatikali ta' disposizzjoni tal-ligi ma tkunx bizzejjed biex turi x' kien il-hsieb tal-legislatur, ikun mehtieg li tintuza l-interpretazzjoni logika". Ara "**AIC Gustavo Vincenti -vs- Edgar Staines *nomine et***", Appell Civili, 25 ta' Ottubru 1940;

Isegwi minn dan illi l-ewwel kriterju ta' interpretazzjoni li wiehed ghandu jirricerka hu dak letterali, ossija d-determinazzjoni tat-tifsira legislattiva in bazi ghal valur semantika taghha. F' dan il-kuntest letterali l-awtorevoli **Trabucchi** ("**Istituzione di Diritto Civile**", 41, nt 1) jiddistingwi zewg mumenti, u cjoe, "*quello lessicale e quello grammaticale relativi l'uno al significato della parola in se considerata, l' altro al significato che essa assume nel contesto della proposizione normativa alla stregua delle regole grammaticali e sintattiche secondo le quali la medesima è strutturata*";

Ferma din l-introduzzjoni, jokkorri issa li jigu ezaminati l-kliem tad-disposizzjoni ta' l-Att taht konsiderazzjoni, anke

biex wiehed jestraji minnhom dik l-interpretazzjoni li titqies l-aktar konfacjenti ghal hsieb persegwit mil-legislatur;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-provvediment ta' l-Artikolu 92 (2) ghandu fih kontemplat zewg aspetti. Fl-ewwel parti tieghu l-Qorti tivvizwalizza sitwazzjoni fejn il-hlas tal-beneficcju (Ghajnuna Socjali jew Pensjoni ta' l-Eta`) ma jiccessax fil-kaz ta' safar dment li l-beneficjarju jipprova ghas-sodisfazzjon tad-Direttur li dak is-safar tieghu kien konness mal-htiega tal-kura medika tieghu barra minn Malta. Fit-tieni parti d-disposizzjoni ma tittrattax mal-hlas ta' l-assistenza imma mat-tmiem tal-jedd ghal dik l-istess ghajnuna, anke jekk si tratta minn kaz ta' kura medika, wara d-dekorriment ta' perijodu ta' sitt xhur. Jigi minn dan illi anke bl-uzu tal-kriterju letterali wiehed jista' jiddistingwi bejn sitwazzjoni tal-waqfien tal-hlas – presumibilment ghall-perijodu li fih il-beneficjarju jdum imsiefer, dejjem s' intendi attiz li hu stess ma jkunx siefer ghal kura medika tieghu innifsu, u mhux ukoll ta' terzi persuni, anke jekk kongunti mieghu – u sitwazzjoni tat-temm ghal kollox tal-jedd li jkompli jircievi l-ghajnuna, anke ghal kaz ta' kura, dekors it-terminu statutorju preskritt;

Tradott dan li nghad ghall-fattispeci tal-kaz in ezami, ghandu jikkonsegwi illi gjaladarba l-appellata siefret (anke jekk mhux ghal btala izda biex tiehu kura ta' ohtha fl-Awstralja) mhux ghal htigijiet ta' kura medika taghha stess hi ma kellhiex dritt ghal hlas ghaz-zmien li fih kienet assenti (mis-26 ta' Marzu 2006 sat-22 ta' Mejju 2006). Ghandu jkun ovvju, b' danakollu, illi il-waqfien mid-dritt tal-hlas u t-tmiem tal-jedd ghal dik l-istess ghajnuna, li dwarha kien isirilha dak il-hlas, mhux l-istess haga. Li jfisser illi din il-Qorti ma tistax taccetta bhala proposizzjoni legali korretta dak sottomess mill-appellanti illi l-appellata ma baqghetx eligibbli ghall-Ghajnuna Socjali li kienet qed tircievi. Il-hsieb ta' min ifformula d-disposizzjoni ma jidherx ghalhekk li hu konsonu ma' dak attribwit lilha mill-appellanti fid-decizjoni tieghu;

Anke jekk issa ghal raguni ben diversa minn dik ta’ l-Arbitru fis-sentenza apellata, il-konkluzjoni finali twassal ghall-istess rizultat univoku, jigifieri li l-appellata kienet intitolata ghall-konsegwiment tal-jedd tal-ghajnuna *de qua*.

Ghal dawn il-motivi premessi din il-Qorti tirrespingi l-appell u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------